Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Novembru 2026
(OR. en)

6302/25
COR 3

EF 34
ECOFIN 162
DELACT 10
ECB

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 8403 final
Suġġett:	RETTIFIKA tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1190 tat-13 ta' Frar 2025 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji użati għall-identifikazzjoni tal-entitajiet finanzjarji meħtieġa biex jagħmlu l-ittestjar tal-penetrazzjoni bbażat fuq it-theddid, ir-rekwiżiti u l-istandards li jirregolaw l-użu ta' testers interni, ir-rekwiżiti fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, il-metodoloġija tal-ittestjar u l-approċċ għal kull fażi tal-istadji tal-ittestjar, tar-riżultati, tal-istadji tal-għeluq u tar-rimedju u t-tip ta' kooperazzjoni superviżorja u kooperazzjoni rilevanti oħra meħtieġa għall-implimentazzjoni tat-TLPT u għall-faċilitazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku *(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 2025/1190, it-18 ta' Ġunju 2025)*

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 8403 final.

Mehmuż: C(2026) 8403 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.11.2026
C(2026) 8403 final

RETTIFIKA

tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1190 tat-13 ta' Frar 2025 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji użati għall-identifikazzjoni tal-entitajiet finanzjarji meħtieġa biex jagħmlu l-ittestjar tal-penetrazzjoni bbażat fuq it-theddid, ir-rekwiżiti u l-istandards li jirregolaw l-użu ta' testers interni, ir-rekwiżiti fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, il-metodoloġija tal-ittestjar u l-approċċ għal kull fażi tal-istadji tal-ittestjar, tar-riżultati, tal-istadji tal-għeluq u tar-rimedju u t-tip ta' kooperazzjoni superviżorja u kooperazzjoni rilevanti oħra meħtieġa għall-implimentazzjoni tat-TLPT u għall-faċilitazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 2025/1190, it-18 ta' Ġunju 2025)

RETTIFIKA

tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1190 tat-13 ta' Frar 2025 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji użati għall-identifikazzjoni tal-entitajiet finanzjarji meħtieġa biex jagħmlu l-ittestjar tal-penetrazzjoni bbażat fuq it-theddid, ir-rekwiżiti u l-istandards li jirregolaw l-użu ta' testers interni, ir-rekwiżiti fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, il-metodoloġija tal-ittestjar u l-approċċ għal kull fażi tal-istadji tal-ittestjar, tar-riżultati, tal-istadji tal-għeluq u tar-rimedju u t-tip ta' kooperazzjoni superviżorja u kooperazzjoni rilevanti oħra meħtieġa għall-implimentazzjoni tat-TLPT u għall-faċilitazzjoni tar-rikonoxximent reċiproku

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 2025/1190, it-18 ta' Ġunju 2025)

F'paġna 3, premessa (10):

minflok: "(10) […] Għall-istess raġuni, il-membri tat-tim ta' kontroll jenħtieġ li jkollhom għarfien profond tal-entità finanzjarja, tar-rwol tal-impjieg u tal-pożizzjonament strateġiku tal-kap tat-tim ta' kontroll, jenħtieġ li jkollhom l-anzjanità meħtieġa fil-kariga tagħhom u jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-bord maniġerjali. […]"

aqra: "(10) […] Għall-istess raġuni, il-membri tat-tim ta' kontroll jenħtieġ li jkollhom għarfien profond tal-entità finanzjarja, tar-rwol tal-impjieg u tal-pożizzjonament strateġiku tal-kap tat-tim ta' kontroll, jenħtieġ li jkollhom l-anzjanità meħtieġa fil-kariga tagħhom u jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-korp maniġerjali. […]"

Fil-paġna 8, l-Artikolu 2, il-paragrafu 2, il-punt (a), il-punt (iii):

minflok: "(iii) ikunu parti minn G-SIIs jew O-SIIs;"

aqra: "(iii) ikunu parti minn G-SII jew O-SII;"

Fil-paġna 9, l-Artikolu 2, il-paragrafu 2, il-punt (f), il-punt (ii), il-punti (1) u (2):

minflok: "(1) ishma f'kumpaniji u titoli oħrajn ekwivalenti għal ishma f'kumpaniji, sħubijiet jew entitajiet oħrajn, u riċevuti depożitarji fir-rigward tal-ishma;

(2) bonds jew forom oħrajn ta' dejn titolizzat, inklużi r-riċevuti depożitarji fir-rigward ta' tali titoli;"

aqra: "(1) titoli trasferibbli kif definiti fl-Artikolu 4(1), il-punt (44)(a), tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

(2) titoli trasferibbli kif definiti fl-Artikolu 4(1), il-punt (44)(b), tad-Direttiva 2014/65/UE;"

Fil-paġna 13, l-Artikolu 7, il-paragrafu 1, il-punt (f), il-punt (iv):

minflok “(iv) la jkun impjegat u lanqas ma jipprovdi servizzi lil fornitur tal-intelligence dwar it-theddid li fl-istess ħin ikun qed iwettaq kompiti tat-tim il-blu għal entità finanzjarja, għal fornitur terz ta’ servizzi tal-ICT, jew għal fornitur intragrupp ta’ servizzi tal-ICT li jkun involut fit-TLPT;”

aqra: “(iv) la jkun impjegat u lanqas ma jipprovdi servizzi lil fornitur li fl-istess ħin ikun qed iwettaq kompiti tat-tim il-blu għal entità finanzjarja, għal fornitur terz ta’ servizzi tal-ICT, jew għal fornitur intragrupp ta’ servizzi tal-ICT li jkun involut fit-TLPT;”

Fil-paġna 29, fl-Anness VIII, il-punt (a) (vi) (2):

minflok “2. jekk l-Artikolu 5(3), it-tieni subparagrafu, intużax mill-entità finanzjarja;”

aqra: “2. jekk l-Artikolu 7(2)**,** it-tieni subparagrafu, intużax mill-entità finanzjarja;”.